

Brussell, 14 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14716/22

COPS 546  
COHOM 139  
CONUN 277  
DEVGEN 203  
CFSP/PESC 1540  
CSDP/PSDC 772  
RELEX 1521

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 14499/22

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Novembru 2022.

## **KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IN-NISA, IL-PAĊI U S-SIGURTÀ**

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri universali u jikkostitwixxu prijoritajiet awtonomi integrati fl-oqsma kollha tal-politiki tal-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (WPS) tal-10 ta' Diċembru 2018, jafferma mill-ġdid il-validità tal-Approċċ Strateġiku tal-UE fir-rigward tad-WPS, u jimpenja ruħu lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà 2019-2024. Hemm bżonn li jiġu indirizzati kwistjonijiet u sfidi ġodda li nqalgħu. L-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tal-aġenda tad-WPS hija rilevanti daqs qatt qabel fil-kuntest ġeopolitiku attwali u fl-ambjent ta' sigurtà li qed jinbidel fil-qalba tal-paċi u s-sigurtà, kif stabbilit bir-risoluzzjoni 1325 (2000) u r-risoluzzjonijiet sussegwenti.
2. Il-Kunsill jappoġġa l-proposta tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fir-rapport tal-Aġenda Komuni Tagħna dwar Aġenda Ġdida għall-Paċi li tkun tinkludi l-iżvilupp tal-aġenda eżistenti dwar id-WPS sabiex in-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jitqiegħdu fil-qalba tal-paċi u s-sigurtà.
3. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza politika tal-aġenda tad-WPS u jilqa' l-inkorporazzjoni tagħha f'politiki u pjanijiet ta' azzjoni differenti tal-UE sa mill-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2018. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ewropea adottat Strateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 u Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GAP) III "Aġenda Ambizzjuża għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fl-Azzjoni Esterna tal-UE" 2021-2025, milqugħa permezz tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tas-16 ta' Diċembru 2020. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jirrapportaw dwar l-azzjonijiet meħuda u t-tagħlimiet meħuda fl-implimentazzjoni tal-impenji tad-WPS fir-rappurtar rigward il-politiki u l-pjanijiet ta' azzjoni differenti u ser jislet konklużjonijiet operazzjonali biex jaċċellera l-azzjoni f'dan ir-rigward.

4. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar l-effett sproporzjonat li l-konflitti armati għad għandhom fuq in-nisa u l-bniet madwar id-dinja, kif ukoll il-prevalenza tal-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru inkluż il-vjolenza sesswali b'rabta mal-konflitt, offline u online. Il-Kunsill ser isaħħaħ l-isforzi tiegħu għall-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru sabiex tiġi żgurata responsabbiltà sħiħa u tiġi miġġielda l-impunità, u ser iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jingħaqdu f'dan l-isforz kollettiv. Il-Kunsill jissottolinja li l-UE ser tapplika approċċ koordinat għall-mitigazzjoni tar-riskju u l-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u ser tiżgura li r-risponsi jkunu ċċentrati fuq il-vittmi u s-superstiti u sensitivi għat-trauma, inkluż permezz ta' aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, kif ukoll appoġġ psikoloġiku u għas-saħħa mentali. Il-Kunsill itenni l-impenn sod tiegħu li jirrispetta d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u li jtemm l-impunità għal delitti internazzjonali, mhux l-inqas meta l-istupru jintuża bħala arma tal-gwerra.
5. L-UE tibqa' impenjata lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata lejn is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE ttenni l-impenn tagħha lejn il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, filwaqt li jkunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni ta' kwalità u affordabbli dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u s-servizzi tal-kura tas-saħħa.

6. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-reazzjoni negattiva dinjija kontra t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u t-tnaqqis fis-sigurtà u s-sikurezza għan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill jikkundanna ż-żieda fir-rappreżalji, il-vjolenza, it-tħeddid u l-attakki kontra n-nisa u l-bniet, kemm offline kif ukoll online, b'mod partikolari mmirati lejn id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti nisa, konsolidaturi tal-paċi nisa, l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa, in-nisa attivi politikament, it-trejdjunjonisti nisa, in-nisa fi spostament furzat u l-migrazzjoni, u n-nisa u l-bniet l-oħra kollha f'ambjenti affettwati minn kunflitti u kriżijiet, mhux l-inqas fl-Afganistan, il-Kolombja, l-Etjopja, il-Myanmar, is-Sudan, is-Sirja u l-Jemen. Huwa jhegġegħ lir-Rappreżentant Għoli, lill-Ambaxxatur tas-SEAE għall-Ġeneru u d-Diversità u lill-Istati Membri biex jintensifikaw il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u lokali oħra kif ukoll mas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u konsolidaturi tal-paċi nisa biex jindirizzaw dawn ix-xejriet.
7. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu glejn it-tiħiħ tal-parteciġpazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa u l-bniet fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-konflitti matul iċ-ċiklu kollu tal-konflitt, inkluż fil-medjazzjoni formali u informali, l-immaniġġar ta' kriżijiet, il-konsolidazzjoni tal-paċi u ż-żamma tal-paċi, in-negozjati għall-paċi, id-demobilizzazzjoni, id-diżarm u r-riintegrazzjoni, ir-riforma tas-settur tas-sigurtà u proċessi oħra ta' rkupru u rikostruzzjoni. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tiegħu li jappoġġa l-parteciġpazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġħ, fid-diversità kollha tagħhom, inkluż fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Żieda sostanzjali fit-tmexxija u l-parteciġpazzjoni tan-nisa fl-aspetti kollha tal-paċi u s-sigurtà hija meħtieġa mhux biss għall-fini tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-governanza inklużiva u l-koeżjoni soċjali, iżda wkoll għar-riżoluzzjoni sostenibbli ta' kunflitti u kriżijiet.

8. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet immexxija min-nisa, id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem u konsolidaturi tal-paċi nisa għandhom rwol vitali fit-twettiq tal-bidla u tal-impenji tal-aġenda tad-WPS. Dawn spiss jiffaċċjaw theddid speċifiku għas-sigurtà, intimidazzjoni u fastidju u jistħoqqilhom ir-rikonoxximent, l-appoġġ u l-protezzjoni tagħna. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni b'saħħitha mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tal-impenji tad-WPS u fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). Huwa japprezza r-rwol kritiku tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjoni ta' bażi tan-nisa, konsolidaturi tal-paċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' involviment attiv, konsultazzjoni u parteċipazzjoni, inkluż f'kuntest umanitarju u ta' kriżi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli, lill-Istati Membri, lir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE, lill-Mibgħuta Speċjali tal-UE u lil rappreżentanti oħra tal-UE biex ikomplu jsaħħu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni tagħhom mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż organizzazzjonijiet immexxija min-nisa, biex jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżni tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mmexxija min-nisa u ffukati fuq in-nisa fit-tfassil tal-politika u l-proġetti, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-aġenda tad-WPS.
9. L-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq in-nisa u l-bniet kollha huwa ta' tħassib serju, u l-evidenza dejjem tikber ta' vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, inkluż bħala tattika tal-gwerra mill-forzi armati Russi kif ukoll minn entitajiet paramilitari kkontrollati mill-forzi armati Russi, hija allarmanti ħafna. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna sostniet li twettqu delitti tal-gwerra fl-Ukrajna. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata responsabbiltà sħiħa għar-reati sesswali u dawk abbażi tal-ġeneru. Huwa ta' importanza kritika li jiġi ggarantit approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, iċċentrat fuq is-superstiti u sensittiv għat-trauma fl-isforzi kollha bi tweġiba għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jiġifieri fir-rispons umanitarju, ir-rispons għall-kriżijiet, u fl-isforzi ta' paċi, sigurtà u rikostruzzjoni fit-tul. Il-Kunsill jilqa' u jappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex timplimenta t-tieni Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħha dwar id-WPS 2021-2025.

10. Ir-repressjoni vjolenti li hemm fis-seħħ fl-Iran kontra dimostranti, inkluż nisa u tfal, tkompli tenfasizza l-urġenza tal-aġenda dwar id-WPS u titlob l-appoġġ tagħna. Id-drittijiet tan-nisa u l-bniet fl-Iran iridu jiġu rispettati u mħarsa, u trid tiġi żgurata l-parteciġazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tagħhom fil-ħajja pubblika, inkluż fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kunsill jistenna li l-awtoritajiet Iranjani josservaw il-prinċipji minquxa fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li l-Iran jagħmel parti minnu, b'mod partikolari billi jirrispettaw id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u d-dritt ugwali tal-irġiel u n-nisa li jgawdu d-drittijiet ċivili u politiċi ggarantiti mill-Patt. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-awtoritajiet Iranjani biex jeħilsu lid-dimostranti mhux vjolenti kollha u jipprovdu proċess ġust lid-detenuati kollha kif ukoll ċarezza dwar l-għadd ta' mwiet u arresti.
11. Is-sitwazzjoni li qed teħżien għan-nisa u l-bniet fl-Afganistan għadha qed toħloq tħassib serju. Il-Kunsill jikkundanna t-treġġiġħ lura sistematiku mit-Talibani tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill jappella għal sforzi sostanzjali u mmirati mir-Rappreżentant Għoli, mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jindirizzaw is-sitwazzjoni u jiżguraw il-parteciġazzjoni tan-nisa Afgani fid-djalogi politiċi dwar l-Afganistan. Il-Kunsill jagħraf l-importanza ta' inizjattivi biex jippromwovu l-aġenda dwar id-WPS, bħat-twaqqif f'dan ir-rigward tal-Forum tal-Mexxejja Nisa Afgani ffaċilitat mill-UE.

12. L-aġenda dwar id-WPS hija ċentrali għall-isfidi kontemporanji tal-paċi u s-sigurtà dinjija. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza li konflitti armati kif ukoll sfidi ġodda, emerġenti u dejjem aktar kumplessi għas-sigurtà, pereżempju t-tibdil fil-klima, in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, l-iskarsezza tal-ilma u ta' riżorsi naturali oħra, pandemiji, inkluż l-impatt tal-COVID-19, l-isfidi tal-enerġija, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, il-migrazzjoni u l-ispostament furzati, it-traffikar tal-bnedmin, ir-riskji assoċjati ma' teknoloġiji emerġenti u fixkiela u theddidiet ibridi, inklużi ċiberattakki u diżinformazzjoni, iħallu impatt sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet u rriżultaw f'deterjorament ġenerali tal-pożizzjoni tan-nisa b'konsegwenzi ħżiena għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet madwar id-dinja. L-UE u l-Istati Membri tagħha jintrabtu li jippruvaw jifhmu d-dimensjonijiet marbutin mal-ġeneru tar-riskji għas-sigurtà u li jaġixxu fuqhom biex jevitaw li l-vulnerabbiltajiet jaggravaw, iżda wkoll biex jikxfu punti ta' dħul ġodda għall-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-titjib tar-reżiljenza u ż-żamma tal-paċi. Huwa kruċjali li kwalunkwe rispons ikun ibbażat fuq:

- Analiżi b'rabta mal-ġeneru tal-kawżi, il-konsegwenzi u l-implikazzjonijiet tal-politika, bl-użu ta' statistika dwar il-ġeneru bbażata fuq data diżaggregata skont is-sess, l-età u d-diżabilità, biex jiġi żgurat rispons aktar effettiv, inklużiv u sostenibbli;
- Il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa fil-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-konflitt;
- Il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-protezzjoni minnha;
- Tmexxija ġenerali inklużiva u sensittiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mas-sigurtà b'mod ġenerali.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-hteġa li jitħarsu l-impenji li ttieħdu fir-rigward tal-integrazzjoni tad-WPS fil-Boxxla Strateġika u l-Kunċett dwar il-Medjazzjoni tal-Paċi tal-UE tal-2020 u l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Medjazzjoni, kif ukoll l-isforzi meħuda biex jipromwovu u jiżguraw perspettiva tal-ġeneru u l-impenji dwar id-WPS fl-iżvilupp tal-Kunċett ta' Stabbilizzazzjoni tal-UE u l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK 2.0. Il-Kunsill jissottolinja l-impenn tiegħu li jżid in-numru ta' nisa fil-funzjonijiet kollha, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Barra minn hekk, il-Kunsill jagħraf il-hteġa li l-aġenda dwar id-WPS tiġi integrata bis-sħiħ fiż-żewġ pilastri tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi. L-azzjoni esterna tal-UE għandha tikkontribwixxi b'mod attiv għat-twettiq tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet inkluż il-prevenzjoni ta' vjolenza sesswali u vjolenza abbażi tal-ġeneru marbuta mal-konflitti.
14. Il-Kunsill ifakkar fil-hteġa li tiġi żgurata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, l-għarfien espert u l-implimentazzjoni tal-aġenda tad-WPS fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, li jissaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni u jittejbu l-miżuri preventivi u protettivi, u l-ippjanar, it-twettiq, is-segwitu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ġenerali tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet. Dan huwa konformi mal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni biex tissaħħaħ il-Parteċipazzjoni tan-Nisa f'Missjonijiet Ċivili tal-PSDK 2021-2024. Il-Kunsill jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jipromwovu aktar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jiffukaw ukoll fuq il-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa fil-funzjonijiet ċivili u militari kollha tal-PSDK, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija. Tmexxija sensitiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru għandha titrawwem billi jissaħħaħ l-għarfien espert dwar il-ġeneri fi ħdan l-istruttura amministrattiva marbuta mal-PSDK tas-SEAE, inkluż l-istrutturi militari tal-Unjoni. Il-Kunsill jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu n-network ta' konsulenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-perspettiva tal-ġeneri fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, skont l-impenn fil-Boxxla Strateġika tal-UE stabbilit għall-2023. Il-Kunsill jappella għat-tkomplija tal-implimentazzjoni ta' politika ta' tolleranza zero għal kull forma ta' sfruttament, abbuż u fastidju sesswali mwettaq minn persunal tal-UE jew persunal mibgħut fuq missjonijiet u operazzjonijiet ta' PSDK, kif ukoll minn kmandanti/maniġers, kuntratturi u sħab. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex ikomplu jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fil-Patt dwar id-dimensjoni ċivili tal-PSDK li jmiss.

15. Il-Kunsill jinnota wkoll li l-implimentazzjoni tal-aġenda sħiħa dwar id-WPS għadha prijorià ewlenija għas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NU dwar operazzjonijiet ta' paċi u maniġġar ta' kriżijiet, kif approvat fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Jannar 2022, kif ukoll għas-sħubijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali oħra bħall-OSKE, in-NATO u l-Unjoni Afrikana. Jappella għal sforz akbar biex titħaffef l-operazzjonalizzazzjoni tal-impenn konġunt bejn l-UE u n-NU dwar id-WPS, b'attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tan-nisa li huma difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u bennejja tal-paċi minn ritaljazzjoni, theddid u vjolenza. Il-Kunsill ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jadottaw b'mod sistematiku approċċ reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, u biex jintegraw perspettiva u analiżi dwar il-ġeneri, u l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-azzjonijiet esterni kollha tal-UE, inkluż l-azzjonijiet kollha, ċivili u militari, tal-PESK/PSDK kif ukoll fid-djalogi politiċi, id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u s-sħubijiet internazzjonali.
16. Il-Kunsill jesprimi apprezzament għall-mandat u l-ħidma tal-Ambaxxatur tas-SEAE għall-Ġeneri u d-Diversità lejn l-integrazzjoni ulterjuri tal-impenji b'rabta mad-WPS fl-azzjoni tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-UE u l-Istati Membri tagħha japplikaw approċċi sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fl-isforzi kollha għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-konflitti, in-negozjati għall-paċi, is-sigurtà, il-konsolidazzjoni tal-paċi, iż-żamma tal-paċi, ir-rispons umanitarju kif ukoll is-sokkors, l-irkupru u r-rikostruzzjoni ta' stati affettwati minn konflitt, inkluż proċessi ta' ġustizzja tranżizzjonali, u biex tiġi żgurata parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa f'dawn il-proċessi. Il-Kunsill jistieden lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jikkunsidra kif id-WPS tista' tiġi integrata sistematikament fid-djalogi politiċi u ta' sigurtà kollha.

17. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li s-SEAE, inkluż l-Istat Maġġur tal-UE, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw u jiskambjaw prattiki tajba rigward indikaturi sensitivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-obbligu ta' rendikont, data diżaggregata skont is-sess u l-età u analiżi tal-ġeneru fil-programmazzjoni, il-finanzjament u l-azzjoni tal-PSDK kollha relatati mal-paċi u s-sigurtà, sabiex ikun jista' jiġi segwit u mmonitorjat il-progress u jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u timxi 'l quddiem l-aġenda dwar id-WPS. Ifakkar f'dan ir-rigward fir-rwol tat-Task Force tal-UE dwar id-WPS bħala forum importanti għall-iskambju u s-sħubija bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili u jstieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jagħmlu użu minn sinerġiji ta' oqfsa internazzjonali ta' monitoraġġ u kejl tal-impatt, kif adatt.
18. Il-Kunsill għadu kompletament impenjat sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-aġenda sħiħa dwar id-WPS u għadu qed isegwi din il-kwistjoni.
-